MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2007

Citazzjoni Numru. 381/2006

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha ma' C D twieldet tifla li ggib l-isem ta' E D hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. "JFCB1";

2. Illi kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid il-missier naturali tat-tarbija huwa l-istess C D;

3. Illi nonostante tentattivi ta' medjazzjoni l-partijiet baqghu ma lahqux ftehim u ghalhekk a tenur tad-Digriet Nru 1550/06 datat 18 t' Ottubru 2006, li kopja tieghu

qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "JFD1", il-medjazzjoni inghalqet u l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna;

4. Illi hekk kif ser jirrizulta mill-provi, il-konvenut mhux idoneju sabiex irabbi lill-minuri;

5. Illi l-attrici taf b' dawn il-fatti personalment;

Ghalhekk jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna:-

1. Li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici;

2. Li kemm-il darba joghgobha dina l-Onorabbli Qorti tordna l-access tal-minuri ghall-konvenut dan ikun taht supervizjoni;

3. Tiffissa manteniment adegwat u xieraq ghall-minuri li ghandu jigi percepit mill-attrici mensilment;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimat jirrispingi l-allegazzjoni migjuba mir-rikorrenti dwar l-abbilta' tieghu li jiehu hsieb lil minuri bint il-partijiet, E D u minflok jeccepixxi n-nuqqas ta' kapacita' u idonjeta tar-rikorrenti li tiehu hsieb lill-istess minuri u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

2. Illi fit-tieni lok kienet ir-rikorrenti li abbandunat id-dar fejn il-partijiet kienu jirrisjedu flimkien ma' binthom u b' hekk anke abbandunat lill-minuri E;

3. Illi in vista ta' dak suespost, ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri E illi l-kura u kustodja tigi fdata f' idejn ir-rikorrenti b' dan illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni illi hija tinghata hinijiet li fihom ikollha access ghall-minuri b' dan illi tali access ghandu jkun taht supervizjoni;

4. Illi t-talba dwar ghoti ta' manteniment hija opposta u dan billi kif gie fuq eccepit r-rikorrenti m' ghandiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri E u fuq kollox ghandha ttiehed in konsiderazzjoni wkoll l-eta tar-rikorrenti u l-bzonn illi hija tipprovdi ghall-manteniment ta' bintha wkoll. Jigi osservat illi nonostante li r-rikorrenti tippercepixxi c-children' s allowance li suppost jintefqu ghall-minuri E, tali flus fir-realta' m' humiex qeghdin jigu uzati ghall-bzonnijiet tat-tifla;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq eccepit, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' nota kongunta prezentata fit-12 ta' Gunju 2007 il-partijiet qablu dwar il-kura u kustodja tal-minuri kif ukoll dwar il-modalita' ta' l-access;

U permezz ta' verbal registrat fl-udjenza tallum huma qablu dwar kif ser jinqasam il-manteniment dovut ghall-minuri.

Il-Qorti wara li ezaminat il-ftehim li sar bejn il-partijiet rigwardanti l-minuri, hija tal-fehma li dan huwa accettabbli u huwa wkoll fl-interess tal-minuri.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddeciedi il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tielet talba u tichad it-tieni talba; u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tigi fdata f' idejn il-partijiet konguntivament;

2. Li l-minuri tirrisjedi ma’ l-omm f’ dawk il-granet u hinijiet kif stipulati mis-Social Worker Josette Camilleri fir-rapport taghha ta’ l-10 ta’ Jannar 2007 (li ghandu jifforma parti integrali minn dan il-gudizzju) filwaqt illi fil-bqija tal-granet u hinijiet hi ghandha tirrisjedi mal-missier. Kull genitur ghandu jaghzel hu l-post ta’ residenza ghall-minuri sakemm din tkun mieghu jew maghha b’ dan illi tali ghazla ghandha dejjem tkun fl-ahjar interess tal-minuri;u per di piu’ il-minuri m’ ghandhiex tigi esposta ghal skandlu jew atteggamenti ohra li m’ humiex addattati ghall-minuri u l-endituri ghandhom jassiguraw ruhhom li t-tifla ma tigix soggetta ghal xeni li mhux xierqa ghaliha. Jigi ccarat illi kull fejn hemm referenza ghal hin ta’ l-iskola fir-rakkomandazzjonijiet tas-Social Worker, matul ix-xhur tas-Sajf meta l-minuri tkun bil-vaganzi ta’ l-iskola, dan il-hin ghandu jiftiehem illi huwa d-disgha ta’ filghodu;

3. Illi c-children’s allowance jigi percepit mill-attrici u d-Dipartiment koncernat hu ordnat li johrog ic-cekk lil A B; li l-ispejjez ta’ l-iskola, inkluz dawk tat-trasport, hwejjeg u attivitajiet extra kurrikulari, kif ukoll spejjez ta’ tobba u medicini u spejjez ghall-hwejjeg ta’ kuljum tat-tifla jigu mhallsa esklussivament mill-missier C D; ghal bqija l-genitur fiz-zmien li jkollu l-kura effettiva tal-minuri huwa responsabbli ghall-bzonnijiet ta’ l-istess;

L-ispejjez tar-registru ghandom jigu sopportati bejn il-partijiet bin-nofs filwaqt illi l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------